# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(PRESIDENT)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 7 ta' Frar 2019**

**Numru 3**

**Rikors maħluf numru 402/2012**

**Emanuel Aquilina, Rita Aquilina**
**u Rose Calleja**

***v.***

**Carmen Gatt**

1. Dan huwa provvediment ulterjuri fuq rikors tal-atturi appellanti tal-11 ta' Novembru 2013 li bih, għax igħidu illi l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar ["Kap. 158"] għal proprjetà tagħhom li tinsab f'idejn il-konvenuta tkun bi ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"], talbu illi l-kwistjoni tintbagħat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għad-deċiżjoni tagħha

kif igħidu u jridu l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-art. 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea [“Kap. 319”].

2. Fl-ewwel provvediment mogħti fuq l-istess rikors fl-1 ta’ April 2014 din il-qorti kienet ċaħdet it-talba f’dak l-istadju billi l-aggravji tal-appell tal-atturi kienu msejsa mhux biss fuq l-ilment kostituzzjonali iżda wkoll fuq il-liġi ordinarja u għalhekk kien għadu mhux magħruf jekk kellhomx rimedji xierqa taħt il-liġi ordinarja. Issa, b’sentenza mogħtija llum, l-aggravju msejjes fuq il-liġi ordinarja ġie miċħud u għalhekk ma għadx hemm dak l-ostakolu. Il-qorti għalhekk sejra tqis mill-ġdid it-talba biex il-kwistjoni tintbagħat quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili.

3. Fit-tweġiba tagħha tat-8 ta’ Jannar 2014 il-konvenuta kienet opponiet għat-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »… … … fil-każ odjern ma tistax tiġi utilizzata l-proċedura ta’ riferenza a tenur tal-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Dak li huma [l-atturi] messhom għamlu proċeduralment hu li jintavolaw appell bil-lanjanza kostituzzjonali tagħhom quddiem il-Qorti Kostituzzjonali (ara artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni) għaliex mingħajr ebda riferenza dik hija l-qorti kompetenti fl-istadju tal-appell li tisma’ tali aggravji. Għalhekk billi dan ma seħħx din il-Qorti tal-Appell għandha tiċħad tali rikors.
>
> »Illi, fit-tieni lok, il-punt qam quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fejn hemmhekk konvenjentement (forsi għax l-istess appellanti ħasbu li ser ikollhom suċċess fl-azzjoni hekk kif promossa minnhom) ma semmew xejn dwar dan il-punt. Ma tista’ ssir l-ebda riferenza mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili għaliex hekk issostni l-liġi. Ir-rimedju huwa ieħor hekk kif jingħad aktar ’il fuq. Dan l-appellanti ma wettquhx għaliex ma ressqux appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali hekk kif kellhom jagħmlu skont il-ligi.
>
> »Illi finalment, apparti minn konsiderazzjonijiet proċedurali, meta wieħed jidħol fil-mertu wieħed isib li s-sentenzi iċċitati mill-appellanti m’għandhom x’jaqsmu xejn fil-mertu tagħhom mal-fattispecie tal-każ odjern. Għalhekk ċertament li din il-qorti m’għandhiex tapplikahom għall-każ odjern. Huwa ironiku kif issa l-appellanti qegħdin isostnu li dawn id-disposizzjonijiet huma lesivi l-jeddijiet fundamentali tagħhom meta huma stess quddiem l-ewwel qorti applikawhom u tawhom interpretazzjoni b’mod li taqbel lilhom u ma tagħtix protezzjoni lill-appellata.«

4. Dwar jekk kellux isir appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali din il-qorti fil-provvediment tal-1 ta' April 2014 kienet osservat hekk:

> »9. L-artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni fih diversi paragrafi li lkoll fiċ-ċirkostanzi hemm previsti jipprovdu li tista' tiġi adita l-Qorti Kostituzzjonali. L-intimata appellata ma tispeċifikax liema huwa l-paragrafu li a tenur tiegħu issostni li r-rikorrenti setgħu jappellaw quddiem dik il-qorti iżda jidher li l-uniku paragrafu potenzalment applikabbli huma l-paragrafu (*ċ*) tas-subartikolu msemmi u *cioè* fil-każ ta' "deċiżjonijiet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili skont l-artikolu 46" tal-Kostituzzjoni. … … … iżda quddiem l-ewwel qorti ma ġiet sollevata ebda kwistjoni skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u ma tat ebda deċiżjoni dwar xi tali kwistjoni u għalhekk ir-rikorrenti qatt ma setgħu jintavolaw xi appell lill-Qorti Kostituzzjonali kif pretiż mill-intimata appellata.«

5. L-argument imressaq fl-ewwel paragrafu tat-tweġiba għalhekk ġà kien miċħud.

6. It-tieni paragrafu tat-tweġiba huwa essenzjalment kontinwazzjoni tal-argument miġjub fl-ewwel paragrafu. Il-fatt illi l-atturi "ma semmew xejn dwar dan il-punt" quddiem l-ewwel qorti tista' tkun ir-raġuni għala ma ngħatat ebda deċiżjoni dwaru mill-ewwel qorti, u dan ifisser biss illi ma setax isir appell taħt l-art. 95 tal-Kostituzzjoni. Tassew illi appellant ma għandux iressaq quddiem qorti tat-tieni grad ilmenti li ma tressqux quddiem il-qorti tal-ewwel grad, u ċertament kien ikun aktar xieraq u aktar ekonomiku illi dan l-ilment jitressaq quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mill-ewwel u mhux f'dan l-istadju, iżda għandha ssir eċċezzjoni għal dan il-prinċipju meta l-ilment huwa wieħed ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, ukoll għal raġunijiet ta' ekonomija biex tiġi evitata l-ħtieġa illi 'l quddiem ikollha ssir ukoll kawża kostituzzjonali.

7. L-aħħar paragrafu fil-fehma ta' din il-qorti aktar jolqot il-meritu jekk ikunx hemm ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi milli l-kwistjoni jekk għandhiex issir referenza kostituzzjonali.

8. Kif ingħad fis-sentenza li ngħatat illum dwar l-aggravju taħt il-liġi ordinarja, sabiex il-qorti tkun tista' tiddeċiedi wkoll dwar l-aggravju kostituzzjonali huwa meħtieġ illi l-kwistjoni tintbagħat lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Għal din ir-raġuni, kif ukoll għax ma ntweriex illi t-talba magħmula fir-rikors tal-11 ta' Novembru 2013 hija sempliċement frivola jew vessatorja, it-talba sejra tintlaqa'.

9. Il-qorti għalhekk tibgħat l-atti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din twieġeb għall-kwistjoni jekk, fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum, l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artt. 12 u 12A tal-Kap. 158 tkunx bi ksur tal-jedd tal-atturi mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll.

10. Dwar l-ispejjeż ikun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm